Minuti tas-76 (sitta u sebgħin) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Erbgħa 30 ta' Jannar 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-6.00p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Louis Stefan Magrin

Is-Sur Anthony Borg u s-Sur Lorry Apap talbu jkun skużati peress li ma setgħux jattendu.

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Ma kienx hemm Minuti għal-approvazzjoni peress li kienu għadhom mhux lesti.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 1/2013: Tikkonċerna l-għeluq tas-sena finanzjarja 2012 primarjament biex jiġi osservat l-porċess stabilit.

3.1.2 Memo 2/2013: Titratta l-obbligazzjonijiet u l-proċeduri relatati mal-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li ser isiru f'Marzu 2013.

3.1.3 Memo 3/2013: Għal-ewwel darba il-kors fil-Kitba tal-Malti din is-sena ser jiftaħ Għawdex ukoll.

### 3.2 Korrispondenza

3.2.1 E-mail mill-Kunsill Malti għas-settur tal-Volontarjat li titratta laqgħat li jixtiequ jagħmlu ġol-Kusilli għal-Għaqdiet u Organizzazzjonijiet Volontarji li jinsabu f'din il-Lokalita'. Huma jixtiequ jkunu jafu jekk hemmx xi oġġezzjoni għal din it-talba. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni iżda is-Sindku irrimarka li teżisti l-*Bye Law* dwar il-kiri tas-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Sala. Għalhekk ġie deċiż li jintalab parir mid-Dipartiment jekk tistax issir eċċezzjoni mal-għaqdiet non-governattivi.

3.2.2 E-mail mill-*OASI Foundation* biex jaraw jekk hux possibli li tintuża s-Sala tal-Komunita` fuq proġett li għadu qed jiġi evalwat jekk jistax jitwettaq jew le.

3.2.3 Ktejjeb mibgħut mill-*Malta Library & Information Association* fuq it-tmexxija tal-Libreriji. Dan huwa intitolat *Guidelines & Standards for Public Lending Branch Libraries*.

3.2.4 Ittra mibgħuta mill-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal-Għawdex li tirrigwarda meta ser isiru ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Karnival għas-sena 2013. Dawn ser ikunu fit-2, 9, 10 u 12 ta' Frar 2013.

3.2.5 Is-Sindku ġe mistieden għal-laqgħa li saret fid-9 ta' Jannar 2013 li saret mar-rapreżentanti tal-Enemalta fuq rapporti ta' ħsarat, bozoz ġodda u materji oħra. Huwa attenda għal din il-laqgħa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Victoria.

3.2.6 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali inforrma lill-Kunsill Lokali bl-allokazzjoni finanzjarja għal-ewwel erba' xhur ta' din is-sena jiġifieri min Jannar sa' April. Dan ġara peress li l-Budget għas-sena 2013 għadu mhux approvat mill-Parlament. Din l-alllokazzjoni ġiet imqasma skont l-*Item of Expenditure* mid-Dipartiment stess. L-ammont allokat huwa ta'€44,248.

3.2.7 Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali bagħtet il- Heritage Report għal-2012 biex jimtela mill-Kunsill. Dan imtela` mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

3.2.8 Fis-7 ta' Jannar 2013 ir-*Russian Centre for Science and Culture* informa lil dan il-Kunsill biex tittella eżebizzjoni fid-9 ta' Jannar 2013, jiġifieri jumejn biss wara li l-Kunsill ġie infurmat. Wara li l-materja ġiet diskussa bejn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku ġie deċiż li ma kienx possibli li dan isir fi żmien daqhekk qasir.

3.2.9 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bagħat OPM circular 1/2013 li tikkonċerna x-xoljiment tal-Parlament. F'din iċ-ċirkolari qed jiġi speċifikat li ma jistax isir reklutaġġ mas-Servizz Ċivili jekk mhux f'każ eċċezzjonali. Din il-miżura tibqa fis-seħħ sakemm il-Parlament jibqa xolt.

3.2.10 E-mail mingħand *Smart Technologies* li tirrigwarda l-prezzijiet biex il-Kunsill jikri minflok jixtri kompjuter. Fil-Każ ta' dan il-Kunsill diġa xtara kompjuter u jidher li kien jaqbel aktar milli wieħed joqgħod jikri.

3.2.11 E-mail mingħand *Primesolar* (Malta) Ltd. Din qed titlob biex jekk il-Kunsill ikun interessat li jidħol għal xi proġetti ta' *solar* jew *wind energy* hi lesta li tofri l-esperjenza tagħha.

3.2.12 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tikkonċerna l-avviżi li ħarġet il-Kummisjoni Elettorali dwar l-Elezzjonijiet ta' Marzu u li ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.13 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tirrigwarda r-Regolamenti dwar l-Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali li ser isiru fid-9 ta' Marzu 2013.

3.2.14 Ittra mill-Uffiċċju Elettorali rigward l-ġranet u l-ħinijiet tat-tqassim tad-dokumenti tal-votazzjoni.

3.2.15 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali staqsa jekk il-Festival tal-nar isirx f'isem il-Parroċċa għax f'dak il-każ ma jistax isir b'fondi pubbliċi. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lid-Dipartiment li dan isir f'isem il-Kunsill Lokali.

3.2.16 E-mail mill-Greenpak li tikkonċerna l-proposta tagħhom fuq il-ġbir tal-iskart riċiklat. Din il-proposta saret fuq talba tas-Sindku ħalli l-Kunsill ikun jista jqabbel ma dik tal-Green MT u għalhekk tintagħżel l-aktar waħda vantaġġuża. Is-Sindku qal li aħjar ma titteħidx deċiżżjoni issa li din il-leġislatura tal-Kunsill waslet fi tmiema u għalhekk għandu jiġi deċiż mill-Kunsill il-ġdid li ser jiġi elett. Is-Sindku talab ukoll biex is-servizz mal-Green MT jiġi estiż għal-xahar ieħor.

3.2.17 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'isem l-Enemalta rigward min hu responsabbli mil-lampi tat-toroq arterjali u distributorji. Fil-każ tal-Fontana hemm triq ix-Xlendi li taqgħa taħt Transport Malta li tibda min tarf Pjazza l-Għejun sal-Knisja tax-Xlendi waqt li l-parti mill-Knisja tax-Xlendi sal-ATM tal-HSBC huma responsabilta` ta' l-Enemalta. Jidher ukoll li Triq il-Għajn qegħda taqgħa taħt r-responsabilta' tal-Enemalta. Ma din ta' l-aħħar il-Kunsill ma qabilx peress li kien sar ftehim mal-Enemalta meta saru l-fanali u din it-triq ġiet devolur lill-Kunsill. Għalhekk l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub biex jinforma lil min hu konċernat b'dan in-nuqqas ta' qbil.

3.2.18 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk kienx hawn xi ħadd mill-impjegati tal-Kunsill li gawda min xi *Family Friendly measures* jew *special leave* fl-2012. Ir-Risposta kienet fin-negattiv.

3.2.19 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-iskali tal-pagi għal-2013.

3.2.20 E-mail mingħand is-Sur Clifford Vella fejn qed joffri prezzijiet imraħsa fuq tlett kotba li ħareġ. Dan il-Kunsill kien xtara l-ktieb 'Leġġendi, Misteri u Għajdut mill-Gżejjer Maltin'. Għandu ukoll il-Kotba 'Mtieħen tat-tħin tal-Qamħ fil-Gżejjer Maltin' għall-prezz ta' €10.50 u 'Ta' Kola Windmill' għall-prezz ta' €6.95. Il-Kunsill qabel li ma kienx hemm bżonn.

3.2.21 E-mail mill-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qegħda tikkundanna l-att vandalu li sar fuq ir-residenza tas-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Alfred Grixti. Il-Kunsill qabel li tintbagħat e-mail bħala turija ta' solidarjeta` mas-Sur Alfred Grixti.

3.2.22 Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel *uploading* ta' xi dokumenti fuq il-website fosthom l-*Audited Accounts* tat-2011.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.23 L-ombudsman bagħat rakkomandazzjoni fejn jidħlu permessi li l-Kunsill jista joħroġ li iżda jista jkun li kemm il-MEPA kif ukoll Transport Malta jkollhom xi forma sa responsabilta` fuq l-istess zoni. Għalhekk qed jiġi rakkomandat biex qabel ma' Kunsill joħroġ xi permess, b'mob partikulari bħal dak li nħareġ liċ-Ċirku li waqqaf it-tinda fit-*Tradefair Grounds* in-Naxxar f'Diċembru li għadda, għanda issir konsultazzjoni mal-MEPA.

3.2.24 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk hawnx xi Kunsill Lokali li jista jkun interessat li jidħol bi sħab ma xi Kunsill ieħor u japplika taħt *Measure 3 – Support for projects initiated by civil society organizations*. Dan jitratta skambju ta' informazzjoni ta' prattiċi tajba tal-Komunijazzjoni madwar l-Ewropa.

3.2.25 Ittra mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rural li jikkonċerna kors fuq żbir ta' siġar dekorattivi. Dan ser isir mid-Direttorat tal-Agrikoltura u ser ikun mifrux fuq 5 t'ijiem fi Frar. Il-kors ser isir ta'Qali.

3.2.26 Il-Ministeru għal-Għawdex bagħat il-Kalendarju Kulturali għax-xahar ta' Frar u staqsa lill-Kunsill Lokali biex jekk hemm xi attivitajiet f'Marzu u April għanda tintbagħat l-informazzjoni meħtieġa.

3.2.27 Ser issir laqgħa mill-MEUSAC u l-MEPA nhar it-Tlieta 5 ta' Frar fl-10.00a.m. il-Belt Valletta dwar is-Siti Natura 2000 li ser titratta l-immaniġjar tagħhom.

3.2.28 Ittra mill-Arkivji Nazzjonali biex l-Kunsill jibgħat l-Minuti peress li qegħda toqrob it-tmiem tal-Leġiżlatura. Huwa maħsub li jintbagħtu kif tagħlaq il-Legislatura.

3.2.29 Id-Dipartiment bagħat ir-regolamenti emendati dwar attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali kif ukoll dwar liċenzji tal-kummerċ.

3.2.30 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mitlub jirrevedi l-ammonti tal-Iskema Inizzjattivi Sportivi 2013 fuq il-livelli tal-ammonti li intefqu fis-snin preċedenti ħalli l-allokazzjoni tiġi imqasma aħjar bejn il-Kunsilli kollha.

3.2.31 Is-Sur Joe Mercieca il-ħaddiem tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali assenjat mal-Kunsill ġie infurmat mid-Dipartiment li l-*Leave carried forward* mill-2012 ġie approvat, jiġifieri dak ta' 151 siegħa. L-approvazzjoni qegħda titlob ukoll biex preferibilment dan irid jieħdu sa' l-aħħar ta' April.

3.2.31 Intbagħtet ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward d-devoluzzjoni tax-xelter. Id-Dipartment kiteb ukoll li qed jistenna risposta mill-Kunsill biex id-Dipartiment tal-Artijiet ikun jista jipproċedi bid-Devoluzzjoni.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 3.3 Ilmenti / Suġġerimenti

3.3.1 Ittra mingħand Mario Vella li għandu l-għelieqi n-naħħa ta' wara l-Biċċerija l-qadima. Qed jitlob li l-passaġġ li hemm jitwessa b'metru ħalli l-bdiewa jkunu jistgħu jinżlu għall-prodotti tagħom peress li fit-triq tax-Xlendi ma jistgħux jipparkjaw. Qed jitlob ukoll li meta jitnaddaf il-wied il-materjal li jittella jinxteħet f'għalqa hemmek stess peress li dan hu l-istess materjal li kaxkar il-wied min din l-għalqa. Talab ukoll biex titranġa daqxejn ta' ġiebja żgħira biex igawdu minnha l-bdiewa tal-madwar. Il-Kunsill qabel li jintbagħat dan l-ilment lid-Direttur tal-proġett u żviluppi fil-Ministeru għal-Għawdex.

## 4. Performace Bonus

4.1 Il-performace bonus tal-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv kif ukoll ta' dak preżenti ma ġewx diskussa peress li kull ma kien hemm preżenti żewġ Kunsilliera u s-Sindku. Ġie deċiż li jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 5. Għoti tal-Offerti

5.1 Il-Kunsill reġa talab parir mid-Dipartiment rigward l-offerta tal-ġbir tal-iskart, jiġifieri jekk din għandhiex toħroġ mill-ġdid jew le. Dan għaliex wara diversi talbiet mill-Kunsill, la mid-Dipartiment u lanqas mil-avukat tal-Kunsill ma kien mogħti dan il-parir. Is-Sindku ippropona u l-Kunsill qabel li jekk tiġi mogħtija risposta qabel il-laqgħa li jmiss fi Frar, terġa toħroġ l-offerta mill-ġdid qabel.

5.2 Is-Sur Joe Muscat ippreżenta kwotazzjoni għal xogħol ta' tlett bankijiet tal-ġebel inkluż it-tpoġġija u t-tikħil tagħhom għal prezz ta' €450. Dawn ser jitpoġġew f'tarf Triq Għajn Tuta fejn kien sar il-proġett bil-ġebla tal-qawwi fuq stil rustiku.

5.3 Offerta FONQ 05/2012: *Non-Slip texture Hardstone Floor Tiles for external use for the publicly accessible roof of the Fontana Local Council Offices*. Saret is-seduta tal-Bord tal-Appell fid-29 ta' Jannar 2013 fejn xehed il-Perit Gordon Vella. Is-seduta ġiet aġġornata għat-13 ta' Frar fin-12.30 pm.

5.4 Is-Sindku ippropona biex fuq il-bejt tat-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku isir *Open Gym* minflok issir bandla oħra. Dan anke għar-raġuni li skont il-kwotazzjoni tas-Sur Mario Mallia din il-bandla tiswa aktar min €2,000. Dwar iż-żurżieqa l-Kunsill ingħata parir mis-Sur Mario Mallia wkoll, biex jirranġa dik li hemm peress li hija b'saħħitha aktar min dawk li jinxtraw illum. Il-Kunsill qabel.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5.5 Is-Sindku qal li trid tingħata qoxra konkos oħra fuq il-bejt tal-garaxxijiet biex dan jitla għal livell meħtieġ biex jitpoġġew is-*safety carpets*. Il-Kunsill qabel ma dan kif ukoll li jinġabu *samples* tat-tapiti.

5.6 Id-ditta Vella Falzon ma kellhomx biżżejjed madum u għalhekk bi qbil mal-kunsilliera inxtara madum simili mingħand id-ditta Newline.

## 6. Mistoqsijiet

6.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 7. Approvazzjoni ta' Kontijiet

7.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-Membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-Ċedola annessa.

## 8. Mozzjonijiet

8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 9. Materji Oħra

9.1 Ċempel u anke ġie il-Kunsill is-Sur Ġorġ Borg, il-persuna li l-Kunsill bagħtilha l-ittra biex jiċċekja ftit il-post li għandu fi Triq Għajn Tuta peress li jidher li hemm xi periklu għar-residenti tal-Fontana. Hu qal li dak il-post huwa propjeta ta' kemm il-persuna u dik n-naħħa imsemmija ta' Triq Għajn Tuta hija ta' kuġintu. Huwa qal ukoll li infurmaha b'dan kollu u għalkemm mhux taħt r-responsabilta` tiegħu, hu xorta waħda ħa l-prekawzjonijiet meħtieġa u dan dejjem sa fejn setgħa. Apparti min hekk ipprova jidħol fil-parti li taqgħa taħt r-responsabilta` tiegħu min Triq il-Għajn imma peress li bħalissa imħaffer minħabba x-xogħolijiet f'din it-Triq dan ma għandux aċċess.

9.2 Saret l-applikazzjoni il-MEPA biex jiġġedded il-permess għat-tindif tal-Wied tax-Xlendi tal-Parti li tagħmel ma din il-Lokalita'.

9.3 Il-Kunsill irċieva ukoll il-permess mill-MEPA biex jinfetaħ il-bieb tax-xelter min Trejqet ix-Xagħri.

9.4 Is-Sindku ippropona li jsir kors tal-kompjuter u sar qbil mill-Kunsill li tintbagħat nota lir-residenti peress li hemm min qed jistaqsi għat-tagħlim tal-kompjuter.

9.5 Saret l-attivita soċjo-kulturali fis-Sala tal-Komunita fejn ingħata "Ġieħ il-Fontana". Dan wara quddiesa ta' radd il-ħajr fil-knisja parrokjali. Ħa


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

sehem il-grupp *D Cleffs* flimkien mal-kantanti mill-Fontana, Francesca u Gabriella Scibberras. Ir-rebbieħ kien is-Sur Frankie Cammilleri, ħaddiem mill-Fontana fl-industrija tat-turiżmu. Attendew is-Sindku u l-kunsillier Victor Cefai u Horace Micallef flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Wara sar riċeviment ta' l-okkażjoni.

9.6 Inxtara kompjuter għall-użu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

9.7 Saret il-laqgħa pubblika għar-residenti tal-Fontana fis-Sala tal-Komunita`. Attendew żewġ residenti. Kienu preżenti is-Sindku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef.

9.8 Ġiet ippublikata u mqassma lir-residenti il-ħmistax il-ħarġa tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek" u ġiet mqassma f'kull residenza tal-Fontana. Din ġiet preparata mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

9.9 Tħabbret il-ħatra ta'Fr John Muscat bħala l-kappillan il-ġdid tal-Fontana. Il-Kunsill jawgura ħidma fejjieda lil kappillan il-ġdid u jirringrazzja lil kappillan Fr Joseph Bajada matul dawn l-aħħar tliet snin u nofs.

9.10 Tlestew ukoll min kollox it-toilets tas-Sala tal-Komunita. Kulma jonqos huwa li jitqabbad is-servizz tad-drenaġġ.

9.11 Is-Sindku attenda ukoll għal-laqgħa ta' kull xahar tal-Kumitat Reġjonali li saret fil-Banca Guratale.

9.12 Fl-aħħar tas-sena saret ħarġa ta' nofs ta' nhar f'Għawdex fejna kellna quddiesa fil-Bażilika tal-Għarb, wara żorna l-Mużew tal-istess parroċċa li nfetaħ dan l-aħħar. Il-ħarġa intemmet b'cafe' u *snack* fil-lukanda Calypso. Attendew 46 persuna fosthom is-Sindku u l-kunsillier is-Sur Horace Micallef.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-28 ta' Frar 2013, fil-5.30p.m.

Louis Stefan Magrin
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555